MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru. 617/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Roderick Debono**
**-ommisis-**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Debono detentur tal-karta tal-identita` numru 155680(M).

Akkuzat talli:

Nhar l-24 ta' Gunju 2013, ghall-habta ta' 4.45pm minn gewwa residenza numru 101, Triq Felice, Zabbar bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn,

tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (2329.37Ewro) u kien ikun sar ghad-dannu ta’ Marion Micallef u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu tal-Ewro u saret ghad-dannu ta’ Marion Micallef u/jew persuna/i ohra;

-omissis-

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u cioe` nhar l-24 ta’ Gunju 2013 naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonjiiet imposti fuqu b’digriet tal-Qrati tal-Magistrati Malta, b’liema digriet kien inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma jikkommettix reat ta’ natura volontarja waqt li kun qieghed jibbenefika minn dan il-helsien

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Semghet ix-xhieda; u

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali a fol 29 tal-process.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31 41(1)(b), 261(a), (b) u (c), 262, 263, 267, 276, 277(b), 279(b), 280(2), 325(1)(a), 533 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Roderick Debono hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin flimkien ma’ multa ta’ mitt Ewro (€100).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------